**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 06-10

**Data:** 24 ta' Gunju 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tas-seduta nru; 5 kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

## 2. Mill-Minuti:-

2.1 Centru Civiku – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li saret il-laqgha mad-Direttur tal-Edukazzjoni, illum intbghat abbozz bil-kundizzjonijiet mill-Principal tal-Kullegg ta' Santa Margeritaf'isem il-Ministeru tal-Edukazzjoni.
Is-Sindku qara il-kundizzjonijiet u l-Kunsill ma qabilx fuq punt numru 5 tal-ftehim. Il-Kunsill iddecieda wkoll li f'punt numru 4 ghandha tidhol il-frazi – "fil-hinijiet tal-ufficcju" li tigi taqra hekk " The school will have direct access from the school to the public library and gymnasium area of the local council building during office hours".

2.2 B'referenza ghat-tindifa fl-iskola, il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana tkellmet mal-Kunsill tal-Iskola u dawn qablu li x-xoghol m'ghandux isir mill-Kunsill biss imma ghandha tkun hidma kollettiva. Ghandu jigi ppreparat abbozz ta' ftehim mill-Iskola fejn fiha jinghad ghall-liema uzu tista tintuza din il-parti tal-iskola.

2.3 B'referenza ghall-problema tal-hruq tan-nar ghall-festa tal-lokalita, is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ser jipprocedi skond id-direzzjonijiet tal-pulizja.

2.4 Triq Gdida fi triq il-Konvoj Santa Marija hdejn Smart City- is-Sindku qal li wara l-

isforzi ma l-Awtoritajiet sabiex jinghata t-tarmak tant mistenni, dan sar u sar tajjeb. Huwa qal li issa ser jitpogga sett ta' Bring in-Sites fil-parti l-miftuha u titpogga skip tal-organic waste.

2.5 B'referenza ghall-permess 1178/2007 ta' thaffir Triq Santu Rokku - Is-Sindku qal li sar ir-reistatement tat-trinka kif suppost minkejja li kien hemm dizinterpretazzjoni minn Transport Malta dwar it-triq.

## 3. Korrispondenza

Is-Sindku nforma lill-kunsill li l-grupp ta' nies minn Tenessee fl-Amerka li jigu kull sena fil-lokalita taghna ser jaghmlu attivita' ghat-tfal fix-Xatt tal-Kalkara nhar il-1, 2 u 3 ta' Lulju filghaxija. F'din l-attivita ser iqassmu Bibbja b'xejn lit-tfal prezenti kif ukoll ser jaghmlulhom crafts, face painting u loghob u puppet show.

Is-Sindku qal lill-kunsill li peress li hemm ammont ta' citazzjonijiet pendenti u dovuti lill-Kunsill u wara li ntbghatu in-notifikazzjonijiet tal-Avukat lill-individwi kkoncernati, il-Kunsill ser jahdem ezercizzju flimkien mal-Ufficcjal Awtorizzat u mad-Datatrak sabiex dawk ic-citazzjonijiet li huma rekuperabbli jithallsu u l-ohrajn jinqatghu mis-sistema.

## 4. Attivita Puttinu

Is-Sindku qal li ser issir laqgha fis-sala parrokkjali ghall-volontiera li ser jghinu f'din l-attivita'. Huwa sahaq kemm din l-attivita hija ghal kawza gusta u sahaq fuq l-importanza tas-sehem ta' kull individwu biex l-attivita tkun wahda ta' success.

Dwar l-istess attivita l-Vici Sindku semma li qed ikompli jaghmel l-arrangamenti mehtiega ghall-Car Show, kif ukoll heggeg lill-klabb tar-regatta sabiex jaghtu s-sehem taghhom u dawn ser jorganizzaw tigrija ghall-veterani. Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li jintbghatu avvizi fid-djar kif ukoll jinghataw l-avvizi lit-tfal tal-iskola ghat-tberik tal-annimali il-Hadd filghodu. Il-Kunsillier Roderick Mizzi ser jahdem fuq il-powerpoint presentation dwar Villa Portelli u l-Armiralli li kienu residenti fiha. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li hija ghandha konkorrenza tajba fil-qasam tal-wirja tat-talenti fl-istess attivita'.

## 5. Gemellagg

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ghadhom qed isiru l-preparamenti mehtiega sabiex jigu iz-zghazagh ta' bejn 10 u 12 il-sena minn Crespellano jitghallmu l-Ingliz. Il-Kunsilliera Maria Sultana ghamlet l-arrangamenti mal-ghalliem tal-Ingliz.

**6. Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq**

Il-haddiema tal-Community Work Scheme tal-ETC lestew il-bus shelter ta' Triq il-Missjoni Taljana u l-Kunsill jirringrazzjahom tax-xoghol perfett li ghamlu. Hemm zewg haddiema ohra qed jahdmu fil-bajja ta' Rnella u kwazi lestew ix-xoghol. Zewg haddiema ohra qed jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fil-Pjazza Sagra Familja u tnejn ohra qieghdin jirrangaw il-hitan fi Triq l-Isptar Navali.
Il-Kunsilliera Maria Sultana ippropniet li ssir Gazeebo fil-playing area ta' Misrah Arcisqof Gonzi. Is-Sindku qal li l-idea hija tajba imma jridu jinstabu l-mezzi finanzjarji biex din tkun tista ssir. Giet approvata wkoll il-lista ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/2010

**7. Aggornament**

7.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet il-punti taghha fil-minuti.

7.2 Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda l-punti tieghu fil-minuti.

7.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

7.3a Reghet fakkret it-talba minn xi residenti ta' Triq Patri Mattew Sultana sabiex jindafu l-flower beds tal-istess triq u jithawwlu bil-fjuri jew pjanti.
7.3b Tinghalaq it-triq Gianni Raimondu u Anglu Agius mit-traffiku fil-hinijiet tal-iskola
7.3c Tindaf il-pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Kapuccini u tinghata patching bit-tarmac .
7.3d Jitwahhal hadid mad-dawra tal-bandli tat-tfal u tal-kbar bhala safety tat-tfal stess.
7.3e Jinzebghu il-flower beds ta' quddiem Blokk A, Rinella Housing Estates.
7.3f Issir bozza gdida fi Triq Anglu Agius.

7.4 Il-Kunsillier Roderick Mizzi ghadda dawn il-punti:

7.4a Titranga l-magna tal-ilma tal-IT Centre,
7.4b Isiru Mobile toilets fil-bajja ta' Rnella
7.4c Ser isiru tlett korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal sabiex dawk kollha li rregistraw ghal xi kors jinqdew matul dan is-sajf.
7.4d Ser isir kors tal-komputer sabiex jghin lit-tfal jistudjaw suggetti ohra permezz tal-kompjuter.
7.4e L-attivita tal-Breakdance ser issir fl-20 t' Awwissu 2010.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv